

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO Nru 000018101 C tal-11 ta' Settembru 2019;
- tikkundanna lill-EUIPO u, jekk ikun il-każ, lill-parti l-oħra, għall-ispejjeż tal-kawża kif ukoll għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2020 – Novelis vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-680/20)**

(2021/C 19/69)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Novelis Inc. (Mississauga, Ontario, Canada) (rappreżentanti: S. Völcker, T. Caspary u R. Benditz, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla, totalment jew parzjalment, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Awwissu 2020 fil-Każ Nru M.9076 – *Novelis/Aleris* li tiċħad it-talba ta' Novelis għal estensjoni ta' xahar tal-perijodu tal-ghelug skont il-klawżola 49 tal-impenji ta' *Novelis/Aleris*;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mid-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni minflok il-Kulleġġ tal-Kummissarji, bi ksur tal-prinċipju ta' kolleġġjalità.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġh tar-rikorreni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti li tippermetti lir-rikorreni teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha b'mod effettiv.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u tinjora li r-rikorreni għandha raġuni valida għaliex tapplika għal estensjoni. Barra minn hekk, ir-rikorreni tallega li fid-dawl tal-konsegwenzi legali tagħha u tad-disponibbiltà ta' diversi mezzi inqas onerużi, id-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.